MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 7 ta’ Frar 2019**

Rikors Numru 169/2014

**Nicholas John Vella**
**(ID 166487M)**

**vs**

**Helen Edith Constance Chegwyn (ID 54063A)**
**u**
**Christopher Richard Chegwyn (ID 54064A)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-12 ta’ Mejju 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati s-segwenti:

> *... tkunu kkundannati, prevja kull dikjarazzjoni ohra li talvolta tista tkun mehtiega, thallsu l-ammont ta tlett'elef, seba' mija u sitta u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€3,776.43) rapprezentanti rifużjoni ta' prezz li r-rikorrent hallas lilkom biex jakkwista I-vettura bin-numru ta registrazzjoni ‘I’, 'B u'O' u wiehed, disgha u tlieta (IBO 193) flimkien ma' spejjeż ghall-insurance relattiva ghall-istess vettura, kiri ta' garaxx ghall-istess vettura u hlas lill-Awtorita' ghal Trasport f’Malta dwar l-istess vettura li wara rriżulta li l-vettura ma setghetx tigi trasferita fuq ir-rikorrent u dan ghall-ragunijiet li huma unikament imputabbli lilkom fosthom li inthom ma hallastux it-taxxa ta' registrazzjoni fuq l-istess vettura.*

*Bl-ispejjeż ta' dan l-avviż, l-ittri interpellatorji u l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A, tal-mandat ta' sekwestru u proceduri ancillari, u bl-imghax legali mill-ittra ufficjali datata (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

*U jekk tonqsu li tidhru fil-jum u siegha hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeciedi skont il-ligi.*

2. Rat ir-risposta ta' l-intimati **Helen Edith Constance Chegwyn u Christopher Richard Chegwyn** ippresentata fl-4 ta' Lulju 2014 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difizi:

    1. *Preliminarjament, l-attur ghandu jindika car x'tip ta' azzjoni qed jittenta u d-disposizzjoni tal-Ligi li fuqha qed jibbaza din it-talba tieghu.*

    2. *F'kull kaz u minghajr pregudizzju, il-kuntratt ta' bejgh tal-vettura meritu tal-azzjoni huwa validu u effettiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

    3. *F'kull kaz ukoll, it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez*

    4. *F'kull kaz ukoll, l-eccepjenti ma ghandhom ihallsu xejn lill-attur*

    5. *Salv eccezzjonjiet ulterjuri*

3. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent iddikjara illi "*l-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 1028A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija l-**Actio de in rem verso***"

4. Rat illi fit 23 ta' Novembru 2017, l-intimati ppresentaw eccezzjonijet ulterjuri fejn qajjmu s-segwenti difizi:

    1. *Preliminarjament, l-improponibilita' tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 1028B tal-Kodici Vicili u tal-insenjamenti gurisprudenzjali;*

    2. *Minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub mill-attur ma jikkostitwix, fis-shih jew in parti, arrikkimenti mhux misthoqq tal-eccipjenti*

## 2. Provi

1. Semghet ix-xhieda ta' **Karen Cremona**, rappresentant tal-Land Transport Directorate fi hdan l-Awtorita tat-Trasport f'Malta, prodotta mir-rikorrenti u moghtija fit 13 ta' Ottubru 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

2. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Nicholas John Vella**, ippresentat fl-1 ta' Dicembru 2014 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentati.

3. Rat l-affidavit ta' **Joseph Vella**, ippresentat fit-12 ta' Frar 2015.

4. Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta’ **Helen Edith Constance Chegwyn** moghtija fid 9 ta’ April 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

5. Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta’ **Christopher Richard Chegwyn** moghtija fis-6 ta’ Lulju 2015.

6. Rat illi fl-14 ta’ Dicembru 2015 ir-rikorrent ppresenta nota illi biha spjega f’xiex jikkonsisti l-ammont minnu mitlub lill-intimat. (fol 77)

7. Rat illi fit-28 ta’ Novembru 2016 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta.

8. Rat l-affidavit ta’ **Helen Edith Constance Chegwyn** ippresentat fit-13 ta’ Frar 2017.

9. Rat l-affidavit ta’ **Christopher Richard Chegwyn** ippresentat fit-13 ta’ Frar 2017.

10. Semghet ix-xhieda ta’ **Susan Downs**, prodotta mill-intimati u moghtija fil-25 ta’ Mejju 2017.

11. Semghet ix-xhieda ta’ **Stephen Cachia**, rappresentant ta’ Transport Malta, moghtija fil-25 ta’ Mejju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

12. Semghet il-kontro ezami ta’ **Nicholas John Vella** moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2017.

13. Semghet il-kontro ezami ta’ **Joseph Vella** moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2017.

14. Rat illi fid-29 ta’ Novembru 2018, wara diversi tentattivi sabiex jipproduci xhud izda minghajr success, l-intimat ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

15. Rat illi fid-29 ta’ Novembru 2018 il-kawza giet differita ghall-31 ta’ Jannar 2019 ghal-finali trattazzjoni.

16. Semghet it-trattazzjoni fianli ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fil-31 ta’ Jannar 2019, wara liema trattazzjoni, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi l-intimati konjugi Chegwyn gew jghixu permanentement Malta mill-Ingilterra fis-sena 2009 u, fost l-affarjiet illi huma nizzlu Malta maghhom, kien hemm il-vettura personali taghhom Honda CRV.

2. Jirrizulta illi ftit wara illi stabbilew ruhhom hawn Malta, fl-4 ta’ Dicembru 2009 talbu u ottjenew Esenzjoni mil-Hlas tat-Taxxa ta’ registrazzjoni tal-vettura taghhom dak iz-zmien registrata bin-numru ta’ registrazzjoni V688 RBP. (fol 32-33)

3. Jirrizulta illi, sussegwentement, wara li ottjenew tali esenzjoni, fil-15 ta Dicembru 2009 huma registraw il-vettura hawn Malta bin-numru ta’ registrazzjoni IBO193. (fol 14-15)

4. Jirrizulta illi l-intimati marru jghixu gewwa l-Mellieha u bdew jiffrekwentaw il-hanut tar-rikorrenti gewwa l-Mellieha stess, illi jismu *Last Paradise*.

5. Jirrizulta illi, lejn ghal habta ta’ Gunju/Lulju tas-sena 2011, hekk kif l-intimati kienu qed ifittxu sabiex ibieghu il-vettura taghhom ghall-prezz ta’ €3,500 sabiex igibu wahda izghar, l-partijiet ftehmu illi r-rikorrenti jixtri l-vettura ghall-prezz ta’ €2,000.

6. Jirrizulta illi ebda ftehim bil-miktub ma’ sar, izda r-rikorrenti minnufih beda jsuq il-vettura ghall-periodu illi kien fadal tal-assikurazzjoni sa Settembru 2011 u sussegwentement kellu jiehu hsieb illi jdawwar il-vettura fuq ismu.

7. Jirrizulta, illi r-rikorrent hallas l-ammont ta’ €2,000 fi zmien erbgha xhur minn meta xtraha, izda, ghalkemm il-Log Book kien iffirmat mill-intimati, baqa qatt ma dawwar il-vettura fuq ismu u lanqas ma hallas il-licenzja tat-triq tal-vettura, u dan ad insaputa ta’ l-intimati.

8. Jirrizulta ukoll illi f’Marzu 2012, l-intimata Helen Edith Constance Chegwyn bdiet tahdem fil-hanut tar-rikorrenti u tghinu bhala fit-tmexxija tal-Bar u baqghet tahdem hemm sa Marzu tas-sena 2013, meta l-intimata ddeciediet titlaq mill-hanut.

9. Jirrizulta illi, dwar il-begh tal-vettura, ir-rikorrenti jikkontendi illi huwa kien ilu jghid lill intimata dwar problemi illi kellu relatata mat-taxxa tal-vettura w dwar il-problema illi kien hemm, fejn huwa jishaq illi hija qaltlu biex jaghtiha lura l-vettura u thallsu lura dak li hallasha, filwaqt illi l-intimata tikkontendi illi hija telqet mill-hanut ghax dejquha xi persuni illi kienu jiffrekwentaw il-post u qatt ma kienet taf bi problemi bil-karozza salv f’Settembru 2013 meta giet mgharrfa minn Transport Malta illi licenzja kienet ilha ma’ tigi mgedbba minn Settembru 2011.

10. Jirrizulta illi, sussegwentement, fl-10 ta’ Ottubru 2013, ir-rikorrent kiteb lill-intimati, tramite il-konsulent legali tieghu, fejn talabha sabiex thallsu lura s-somma ta’ €2,000 u tiehu lura l-vettura, minghajr pregudizju ghal xi danni illi kien qed isofri. (fol 38) Sussegwentement ghamel Ittra Ufficjali kontra taghhom fl-1 ta’ Novembru 2013 bl-istess talba. (fol 39)

11. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi fit-28 ta’ Ottubru 2013, l-intimati kitbu lill-Pulizija sabiex jirrapurtaw illi r-rikorrent ma kienx ghamel it-transfer mehtiega tal-vettura.

12. Jirrizulta, eventwalment, illi fit-12 ta’ Mejju 2014, inbdiet il-kawza odjerna, fejn ir-rikorrenti talab lill-intimati jhallsu s-somma ta’ €3,776.43.

13. Jirrizulta illi, f’nota ppresentata waqt il-mori tal-kawza, fl-14 ta’ Dicembru 2015, id-danni minnu pretizi gew deskritti kif gej: (fol 77)

> *1. Elfejn ewro (€2000) rappreżentanti fl-ammont li r-rikorrent hallas lill-intimati ghall- vettura in kwstjoni li ma setghetx tigi trasferita;*
>
> *2. Seba' mija u sitta u hamsin Ewro u tlieta u erbghin centeżmu (€756.43) rappreżentanti l- insurance relattiva ghall-istess vettura, hekk kif jidher fil-fattura annessa mal-affidavit tar-rikorrenti u mmarkata bhala DOK. NJV1;*
>
> *3. Ghoxrin ewro (€20) hlas relatat mat-test tal-vettura in kwistjon imhallas lill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta hekk kif jidher fil-fattura annessa mal-affidavit tar-rikorrenti u mmarkata bhala DOK. NJV 6.*

*4. Elf ewro (€1000) ghal kiri ta' garaxx ghall-istess vettura li ma setghetx tiġi trasferita u konsegwentement tinstaq mir-rikorrent.*

14. Jirrizulta illi, f'nota ohra ppresentata waqt il-mori tal-kawza, fid-19 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrenti ddikjara illi "*l-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 1028A tal-apitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija l-Actio de in rem verso u dan minghajr pregudizzju ghal principju tal-ekwita' u l-principji generali tal-ligi.*" (fol 113)

## 4. Konsiderazzjoni dwar difiza

1. Jirrizulta illi abbazi tal-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-intimati inizjament u eventwalment zviluppata aktar fid-dettal fl-eccezzjoni ulterjuri illi saret fit-23 ta' Novembru 2017 (fol 144), din ghandha tkun l-ewwel difiza illi dina l-Qorti ghandha tiqes qabel ma tqies f'aktar dettall il-linji difensjonali l-ohra imqajjma mill-intimati, u dan stante illi l-intimati eccepew "*l-improponibilita' tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 1028B tal-Kodici Civili u tal-insejamenti gurisprudenzjali.*" (fol 144)

2. Jirrizulta illi l-**Artikolu 1028A** tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, illi abbazi taghha qieghed jipproponi l-azzjoni odjerna r-rikorrent, jghid dan li gej:

   *(1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna.*

   *(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba.*

3. Jirrizulta illi l-**Artikolu 1028B** illi abbazi tieghu jqajjmu difiza l-intimati, jghid dan li gej:

   *L-actio de in rem verso ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu.*

4. Jirrizulta illi l-principji ta' tali azzjoni u l-konsiderazzjoni legali taghha ilhom jigu kkunsidrati minn dawna l-Qrati, u f'kaz recenti fejn saret kunsidrazzjoni fir-reqqa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet '***Mario Aquilina vs Alexandra Mizzi***' deciza fis-17 ta' Jannar 2019, il-Qorti elenkat is-segwenti konsiderazzjonijiet u taghlim illi, minn issa, din il-Qorti taghmel taghha:

   *Illi jibda biex jingħad li sabiex l-azzjoni tissejjes fuq il-kawżali tal-arrikkiment mhux mistħoqq, jeħtieġ li jintwerew elementi partikolari li kemm id-duttrina u kif ukoll il-liġi jisħqu li għandu jkollha. L-**actio de in rem verso** illum il- ġurnata tinsab regolata espressament fil-liġi Maltija* [Art. 1028A(1) tal-Kap 16]. *Hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni ex contractu* [P.A. 14.12.1966 fil-kawża fl-ismijiet Grima vs Fava et (Kollez. Vol: L.ii.487] *jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar- radd lura tal-ħlas indebitu* [App. Inf. PS 26.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd]. *Minħabba f'hekk, hija magħrufa li hija azzjoni sussidjarja. Għalhekk, din l-azzjoni ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara*

*tiegħu*[P.A. 4.3.1955 fil-kawża fl-ismijiet Seychell vs Farruġia (Kollez. Vol: XXXIX.ii.593)], *jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir* [P.A. 10.12.1955 fil-kawża fl-ismijiet Żammit vs Farruġia et (Kollez. Vol: XXXIX.ii.787) ] *Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill- ġurisdizzjoni* [P.A. GV 26.4.2002 fil-kawża fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et]*;*

*Illi l-azzjoni mibnija fuq arrikkiment mhux misħoqq hija waħda ekwitativa. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata;*

*Illi ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'din il-ħaġa jew b'dak is-servizz;*

5. Jirrizulta, fil-kaz odjern, illi l-vettura illum il-gurnata tinstab fil-pussess tar-rikorrenti rizultat ta' ftehim ta' bejgh milhuq bejn il-partijiet, liema ftehim kien jistpula prezz ghall-vettura per se, liema prezz thallas w il-vettura hija ghalhekk fil-pussess tar-rikorrent.

6. Jirrizulta illi, skond kif jikkontendi r-rikorrent, wara illi sehh il-bejgh, attwalment hafna zmien wara illi sar tali bejgh, r-rikorrent intebah illi kellu jhallas madwar elfejn euro taxxa stante illi meta ddahhlet il-vetttura Malta mill-intimati, gew ezentati milli jhallsu taxxa.

7. Jirrizulta illi, f'dak il-mument, ir-rikorrent kellu l-possibbilta' illi jaghmel zewgt azzjonijet fil-konfront ta' l-intimati – jew jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt, kif del resto intima fl-Ittra Legali tieghu datata 10 ta' Ottubru 2013, jew inkella jitlob illi l-prezz minnu mhallas jigi ridott in vista ta' dana "*id-difett*" fil-valur tal-vettura, ghalkemm tali azzjoni mhux necessarjament kienet tkun wahda viabbli stante illi d-difett minnu lamentat certament kien facilment visibbli kieku r-rikorrent ghamel l-istharrig tieghu sew qabel ma xtara il-vettura.

8. Jirrizulta, ghalhekk, illi l-azzjoni illi r-rikorrent seta ttenta kienet certament dik tar-rexissjoni tal-kuntratt. Tali azzjoni kienet certament taghmel tajjeb ghad-dannu inkors mir-rikorrent.

9. L-azzjoni odjerna, madanakollu, ma hijex ta' rexissjoni, izda hija kumpens ghall-arrikkiment indebitu, ossija *actio de in rem verso* – tali azzjoni tista ssir **biss** wara illi r-rikorrent ikun ezawrixxa r-rimedji kollha tieghu, u dana jirrizulta car *ex lege*.

10. Jirrizulta, madanakollu, illi r-rikorrent ma ezawriex r-rimedji kollha illi kellu a disposizzjoni tieghu, u ghalhekk dak pprovdut fl-Artikolu 1028B japplika, ossija illi tali azzjoni, kif proposta mir-rikrorenti fl-att promotur odjern, ma tistax tigi ezercitata.

11. Jirrizulta, ghalhekk, illi l-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-intimati fl-eccezzjoni ulterjuri taghhom tat-23 ta' Novembru 2017 timmerita illi tigi akkolta.

12. Jirrizulta illi, tenut kont ta' dan, il-Qorti ma hijiex ser tinoltra ruhha fl-eccezzjonijet l-ohra mqajjma mill-intimati.

## 5. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat dwar l-improponibilita' tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 1028B tal-Kodici Civili, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici kif dedotta.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur